**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin (45) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**Il-Ħamis, 15 ta' Marzu, 2018, fis-6:00p.m.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**45.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Michael Camilleri u anke ta' Dr. Josianne Cutajar fejn infurmaw li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.

**45.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Erbgħa u Erbgħin (44) laqgħa tal-21 ta' Frar, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**45.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Is-Sindku innota li qed jaħdem fuq ir-rivista Ħidmietna f'Isimkom tal-perjodu Marzu-April 2018.

Is-Sindku innota li hemm pendenti Kawża Joseph Camilleri vs Kunsill Lokali Nadur u li dwarha s-Sindku ġie infurmat mill-Avukat Chris Said. Din jidher li ilha għaddejja mill-2003 sabiex ma

jitkompliex xogħol fuq il-Belvedere Cocco Palmeri mill-Kunsill u mill-MGOZ. Għall-Kunsill dejjem deher l-Avukat Chris Said li kien ukoll Sindku, pero' fl-aħħar għaxar snin ma mar ħadd aktar jirrappreżenta lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel mozzjoni fejn talab li l-Avukat Chris Said ikun awtorizzat isegwiha sabiex tingħalaq u jinġabru l-ispejjeż. Din ġiet issekondata mill-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud. Peress li is-Sindku ma ħax sehem f'din il-mozzjoni ntuża l-*casting vote* tal-Viċi Sindku. Il-mozzjoni għaddiet.

**45.4. Korrispondenza.**

(6121) Talba mingħand Michael Muscat għal double yellow lines fi Triq San Gakbu numru 45.

(6122) Ittra mingħand l-Arcipriet Jimmy Xerri rigward talba għal kollaborazzjoni ta' l-attivitajiet marbuta mal festa ta' San Pietru u San Pawl.

(6123) Mistoqsija Parlamentari Numru 4661.

(6124) Avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern 19,957 tas-6.3.2018 dwar Popolazzjoni stmata għal kull Lokalita 1.1.2015 u 1.1.2016.

(6125) Cir AKL 2018/025 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru.5.

(6126) Case No. 187 / 2018 - CCTVs taht ir-responsabilta' diretta tal-Kunsilli Lokali.

(6127) Ċirkulari AKL 2018/024 – Progett tal- UE – informazzjoni fuq is-sit tal-MEUSAC.

(6128) Ittra mingħand il-Planning Authority dwar fondi tal-UIF bil-bilanc ta' € 130,386.17.

(6129) Ċirkulari AKL 2018/023 – Join the International Urban Cooperation (IUC) – city to city cooperation.

(6130) Ċirkulari AKL 2018/022 – Inizjattiva MCCF 2017.

(6131) Ittra mingħand MPS dwar talba għal parteċipazzjoni waqt l-Imnarja u l-Wine Festival.

- Ġie deċiz li dawn jiġu mistiedna għall-Wirja Agrarja biss.

(6132) Ittra mingħand MEUSAC dwar Seminar on EU funds: The Gozitan Experience – Friday 2nd March, 2018 at UoM – Gozo Campus.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6133) Ittra mingħand Young Minds Ltd dwar Child care centre premises.

(6134) Ittra mingħand il-MEUSAC dwar Sejha finanzjata minn Fondi Ewropej taht il- Programm tal- Izvilupp Rurali ghal Malta 4.4.

(6135) Ċirkulari AKL 2018/021 – Town Twinning Action between Turkey and the EU Grant Scheme (TTGS).

(6136) Ittra mingħand MGOZ dwar Roads Policy Procedure.

(6137) Talba mingħand iz-Zghazagh Imnarja dwar għal Kollaborazzjoni.

(6138) Ittra mingħand DLG dwar Progett taht il-Programm LIFE+.

(6139) Ittra mingħand Reġjun Għawdex dwar Magna Żmien.

(6140) Ittra mingħand Reġjun dwar kopji ta' ittri li ntbgħatu kif maqbul waqt laqgħa tar-Reġjun.

(6141) Ittra mingħand Reġjun Għawdex dwar Allokazzjoni ta' Fondi addizzjonali b'rabta mal-Proġett Pilota.

(6142) Ittra mingħand DLG dwar Interreg Europe 4th Call for Project Proposal.

**45.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku innota li irċevejna l-ammont ta' €6,500 mingħand Wasteserve għal gbir ta' l-iskart organiku ta' darba fil gimgħa. Dawn ser jintużaw biex jitħallas l-aħħar kont tal-Pjazza San Pietru u San Pawl fuq il-varjazzjonijiet. Il-Librerija tan-Nadur irċiviet l-ammont ta' €1,500 u allura jidher li għal sena oħra ma hux ser ikollna bżonn nivvutaw flus għal kotba. Il-Kunsill irċieva ukoll l-kont tal-Kuntrattur u ċ-ċertifikat tal-Perit fuq Triq il-Qortin fejn issa jista' jsir il-ħlas u nieħdu lura parti minnhom fuq l-iskema tar-Reġjun u DLG.

Is-Segretarja innotat li ser jibda l-Audit tal-Kunsill fis-26 ta' Marzu. Is-Sindku ser ikun preżenti għal l-audit ukoll. Is-Sindku spjega fid-dettal is-sitwazzjoni finanzjarja fuq kontijiet pendenti u kif ukoll fuq dħul ta' fondi li l-Kunsill għadu jrid jirċievi. Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**45.6 Business Plan 2018-2020.**

Is-Sindku innota li din ġiet ippreżentata lil Kunsilliera bil-quddiem. Il-Business Plan 2018-2020 ġiet emendata u issa tinkludi wkoll €3,500 għal Ġemellaġġ ma' Zafferana. Hu kompla jgħid li bl-istess mod ġie emendat ukoll il-Budget 2018 sabiex jiġu imwarba flus għal Ġemellaġġ. Kien hemm qbil fuq dan u ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

## 45.7 Offerta Pubblika - Resurfacing Triq Qortin.

*NLC 01/2018- Tender for Resurfacing of Part of Triq il-Qortin, Nadur, Gozo with hot rolled asphalt.* Kien hemm żewġ offerti u din ġiet mogħtija lil Gatt Tarmac Ltd bħala l-orħos offerta konformi wara li kienet rrakommandata mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni bl-ammont ta' €112,617.37.

## 45.8 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Ġemellaġġ*** – Is-Sindku innota li sar rapport dettaljat sabiex jiġi approvat mill-Kunsill Lokali u imbagħad jgħaddi għand id-Direttur. Dan ir-rapport ser jinkludi wkoll breakdown tal-ispejjeż relatati mal-ġemellaġġ li ma jaqbżux dak l-ammont. Kien hemm qbil fuq dan ir-rapport u ser jintbgħat kollox lid-Direttur DLG għal approvazzjoni tiegħu.

***Mnarja 2018*** – Is-Sindku innota li ser jiltaqa' s-Sotto Kumitat nhar il-21 ta' Marzu sabiex jibdew il-preparamenti meħtiega. Il-Programm ser ikun dak skond id-draft mibgħut mill-Uffiċċju Parrokjali.

Is-Segretarja infurmat li kien hemm ittra mingħand l-Għaqda taż-Żgħażagħ rigward kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali għall-briju tal-festa. Wara diskussjoni, u anke l-fatt li dawn iltaqgħu mas-Sindku biex jispjegaw, kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora f'dawn l-ispettakli b'ammont ta' €600 relatati mal-ispejjeż tas-sound.

Kien hemm ittra oħra mingħand il-Parroċċa rigward l-Attivita' tat-Tfal (sabiex tinkludi pitch tal-football, kompetizzjoni għal isbah kartolina jew poezija, logħob tal-imgħoddi u jinbidel l-entertainment) u sabiex fl-Ikla Tradizzjonali ikun hemm kantant rinomat u preżentatur. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti li għandha tintbgħat ittra lil Arċipriet li tispjega kif il-Kunsill qiegħed diġa jagħti kollaborazzjoni kbira fl-attivitajiet kollha, ser jibdel fejn jista', u anke l-fatt li l-Kunsill mhux qed jiġi rikonoxxut kif jixraqlu.

***Wine Festival 2018*** – Is-Sindku innota li qed jaħdem fuq il-programm tal-Wine Festival u daqt jiġi finalizzat.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Ħarga Anzjani*** – Din ser tkun il-Ħamis 22 ta' Marzu. Quddiesa fil-Paroċċa tal-Qalb ta' Ġesu, Fontana u wara ikel ix-Xlendi.

**45.9 Charter Annual Meeting 2018.**

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li l-unika problema bhalissa hi dik tal-hosting u intbgħatet ittra lil residenti kollha tan-Nadur dwar hosting. Hu kompla jgħid li l-meeting li kellu hu u s-Sindku ma' V18 kien posittiv u ser ikun hemm laqgħa fil-viċin ukoll mal-MGOZ rigward għajnuna ukoll. Is-Sindku innota li ser issir talba ta' għajnuna għal monument mingħand il-kumpanija GO plc peress li ga hemm ftehim magħhom għat-Torri ta' Kenuna. Is-Sindku informa ukoll lil Kunsilliera bid-diskussjonijiet u kelliema li ser ikun hemm għaż-żgħażagħ u kif ukoll għall-adulti tac-Charter.

**45.10 Manutenzjoni ta' Toroq, Proġetti u Xogħol Infrastrutturali Ieħor, Fondi UIF.**

- ***Triq Zrajk*** – Is-Sindku innota li ser tinħareg offerta pubblika fil-ġranet li ġejjin.

- ***Rural Roads –*** Is-Sindku innota li WSC bagħtulna minn naħa tagħhom rigward stimi ta' xogħolijiet fuq toroq rurali li ġew applikati u dawn ser jgħaddu għand il-Managing Authority- European Agriculture Fund For Rural Development (EAFRD).

- ***M4.4 –*** Is-Sindku innota li mar site visit mal-Perit tal-Kunsill fl-area ta' Għar Mixta u ġie deċiz li jiġi applikat dan il-proġett fuq it-tieni batch tal-M4.4.

- ***Triq San Blas*** – Is-Sindku innota li x-xogħolijiet ta' fejn waqgħet it-triq qed isiru minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

- ***UIF Funds –*** Is-Sindku innota li saret talba fuq proġett partikulari mal-Planning Authority fejn qed jiġi diskuss magħhom u l-Kunsill qed jistenna risposta fir-rigward dan. Inġabru kwotazzjonijiet ukoll ta' safety mats għal Playing Fields u outdoor gym għal belveder DC Cocco Palmeri.

**45.11 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

- Is-Sindku innota li Leman Cetin (Turkija) ser tkun Malta b'grupp ta' tfal fil-bidu ta' Mejju. Dawn ser imorru l-iskola tan-Nadur flimkien ma' Ines Buttigieg. Is-Sindku talab lil Kunsill jikkunsidra li nilqgħu lil dan il-grupp il-Kunsill fejn nagħmlulom gathering u naraw kif nistgħu ngħinuhom b'affarijiet żgħar. Kien hemm qbil fuq dan.
- Is-Sindku innota li hemm bżonn titranġa il-Lapida ta'Baveno li hemm fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Dan ix-xogħol ser jieħu ħsieb jagħmlu Joe Paul Vella. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talba għal-yellow line mingħand familja Muscat fi Triq San Gakbu. Kien hemm qbil u ser tintbgħat talba lil TM.
- Talba għal yellow line faċċata ta' garage fi Triq il-Madonna ta' Fatima mingħand il-Familja Farrugia. Kien hemm qbil u ser tintbgħat talba lil TM.
- Talba mingħand il-Muzew tas-Subien għal-kanen minhabba sigurta'. Kien hemm qbil fuq dan.
- Is-Sindku innota li ser issir il-proċess biex jitwaħħlu l-bozza ta' Triq ta'Said li ilha fil-lista u Triq Arc Saver Cassar. Kien hemm qbil.
- Is-Sindku innota li hemm bzonn ta' sement Ta Kenuna fejn hemm xaqq, Wied Bingemma hemm ħofra kbira, gutter fi Triq Daħlet Qorrot u Wied Bingemma taħt ħajt minħabba l-ilma.

**45.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' April fil-5:30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva